KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 29/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29

*L-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, li l-Kunsillier Axisa u l-Kunsillier Bartolo talbu li jkun skużati minħabba saħħa u minħabba raġunijiet ta' xogħol rispettivament. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 28 ġew approvati *nem com.*

2.2. B'referenza għall-punt nr. 4 is-Sindku kkonferma li l-*Fun Run* tal-President ser issir fil-21 ta' Novembru u ħeġġeġ lir-residenti sabiex jattendu għal din l-attività. Huwa żied ukoll li l-Kunsill kien ser jistieden lill-għaqdiet tal-lokalita biex jattendu wkoll.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand l-iskema *EEA Norway Grants* li tikkonferma li kienet qed tapprova l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola għall-fondi tal-istess skema sabiex isir il-proġett ta' trasport assistit għall-anzjani u persuni b'diżabilità. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kien ikkonferma l-interess li l-Kunsill iwettaq il-proġett, skond kif mitlub fl-istess ittra, saż-żmien mitlub.

3.2. Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn qed tintalab konferma li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv nominat mill-Kunsill, hija l-impjegata fi skala 10. Il-membri ikkonfermaw dan.

3.3. Ittra ta' riżenja tal-impjegat fi Skala 13. Il-membri irringrazzjaw lill-impjegat tal-impenn tiegħu fuq il-post tax-xogħol tul is-snin u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibda l-proċess ta' ingaġġ ta' persuna minfloku fi Skala 13.

## 4. Rapporti Finanzjarji

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri ir-rapporti finanzjarji tal-ewwel u t-tieni kwart tas-sena, liema rapporti ġew diskussi u approvati b'mod unanimu.

## 5. **Ġbir ta' skart**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kien irċieva b'mod uffiċjali ittra mingħand il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart li qed tinforma lill-Kunsill li kien ser iwaqqaf l-operat tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa fl-aħħar ta' Ottubru. Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Eżekuttiv żied illi kien iddiskuta dan mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u wara wkoll parir tal-Avukat ġie ppreparat dokument ta' terminazzjoni bejn iż-żewġ partijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien talab ukoll direzzjoni mid-Diviżjoni kif għandu jipproċedi il-Kunsill, fid-dawl tal-ħruġ tas-sejħa ta' ġbir ta' skart b'mod reġjonali, liema Diviżjoni kienet qed tagħti parir lill-Kunsill sabiex jitlob l-approvazzjoni tad-Diviżjoni għall-direct order sabiex tissalvagwardja l-provvista tas-servizz sakemm tinħareġ sejħa għas-sena 2022 bil-possibilità li l-offerta tiġġedded xahar-xahar. Il-membri approvaw li tinħareġ is-sejħa bl-istess *specifications* tal-offerta preżenti bid-data skont il-parir tad-Diviżjoni.

5.2. Fl-isfond tal-ħtieġa biex issir *direct order*, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri tlett stimi u l-membri approvaw l-irħas stima sabiex is-servizz min dan il-kuntrattur jibda jingħata mill-1 ta' Novembru. Il-membri qablu wkoll li għanda issir talba lill-Ministru għall-approvazzjoni tad-*direct order*.

5.3. Il-Kunsillier Camilleri ikkonferma li l-kuntratt tal-knis kien ser jibqa' jopera b'mod normali fid-dawl li l-istess kuntrattur kien ukoll jamministra dan il-kuntratt.

## 6. **Pjazza Antoine De Paule**

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal-laqgħa li sargħet mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta u l-kuntratturi li ħadmu ix-xogħol tal-pjazza. Huwa kompla li f'din il-laqgħa ġie kkonfermat li l-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta kellu l-approvazzjoni tal-Finanzi sabiex jipproċedi bix-xogħolijiet ta' tiswija u xogħolijiet oħra pendenti li ma kienux ġew konklużi.

6.2. Is-Sindku kompla li flimkien ma dawn ix-xogħolijiet ġie infurmat ukoll li ser isiru testijiet tal-art tal-pjazza sabiex jiġi kkonfermat biex ġiet ikkaġunata l-ħsara, liema testijiet għandom ikunu konklużi sal-aħħar tas-sena. Is-Sindku kompla li sadanittant ser issir laqgħa mal-kuntrattur sabiex isiru fl-immedjat ix-xogħolijiet li ma jaffetwax it-traffiku, fid-dawl li ġej żmien il-Milied. Dan jinkludi xogħolijiet ta' dawl u xogħolijiet żgħar oħra.

6.3. Is-Sindku żied illi dan ix-xogħol kollu li sar mill-Kunsill Konsultattiv isegwi l-pressjoni kollha li sargħet mill-Kunsill Lokali Paola dawn l-aħħar xhur u issa għandu jibda ix-xogħol.

## 7. Jum Paola

7.1. Is-Sindku qal li hekk kif qed joqrob Novembru u billi dan l-aħħar kienet qed issir l-attività ta' Jum Paola f'dan iż-żmien, ikun tajjeb li nikkonfermaw dan f'din il-laqgħa sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

7.2. Il-Viċi Sindku qal li qed jiġi ssuġġerit li l-attività terġa issir fl-aħħar Sibt ta' Novembru u kien qed jitlob il-membri tal-Kunsill sabiex min jixtieq jista' iressaq xi proposti għall-attività. Wara diskussjoni il-membri qablu li l-attività ta' Jum Paola issir fis-27 ta' Novembru. Il-Viċi Sindku kkonferma li ser isiru l-preparamenti fil-ġranet li ġejjin.

## 8. Milied 2021

8.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kien qed jiltaqa' mal-għaqdiet dwar l-armar tal-Milied fejn qed jiġi propost li fid-dawl tal-pandemija il-Kunsill ikompli isaħħaħ il-finanzjament ta' dan l-armar. Huwa kompla li saħaq mal-għaqdiet sabiex il-livell ikun kif jixraq. Is-Sindku ippropona li l-ammont li l-Kunsill ser iħallas lill-għaqdiet għall-armar ikun ta' €7,500 u l-membri approvaw.

8.2. Is-Sindku qal ukoll li flimkien mal-armar, kien iddiskuta wkoll mas-Soċjeta Filarmonika de Paule, il-possibbiltà sabiex isir kunċert tal-Milied fil-Pjazza. L-istess Soċjeta kienet qed tipproponi li l-attività issir fit-13 ta' Diċembru. Il-membri qablu.

8.3. Fid-dawl ta' dan il-Kunsilliera Arqueros u Camilleri staqsew jekk hux ser ikun allokat ukoll li l-attività li normalment issir mas-Soċjetà Kristu Sultan tistax issir is-sena id-dieħla sabiex ma tintilifx din l-opportunita. Is-Sindku ikkonferma li kien tiġa iddiskuta dan mar-rappreżentanti tal-Banda Kristu Sultan sabiex din issir attività fl-ewwel xhur tas-sena wara li anke offra possibilità li ssir xi ħaġa oħra qabel. Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi ittra dwar dan li waslet għand il-Kunsill fid-dawl li kien infurmat b'dan mir-rappreżentanti tal-Għaqda. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li l-ittra li ntbagħtet talbet li issir laqgħa mas-Sindku sabiex ikun konfermat dan, liema laqgħa għad trid issir.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku xtaq jikkonferma li l-barriers li tpoġġew fi Ġnien il-Mediterran huma marbuta max-xogħolijiet tal-Ġnien tal-Covid u kkonferma li mhux ser jinqalgħu l-ebda siġar. Apparti min hekk żied li kompla ix-xogħol ma' Parks Malta dwar xogħolijiet ta' preparamenti sabiex l-istess entita tieħu ħsieb tal-Ġnein.

9.2. Is-Sindku kkonferma li tul il-jum kienu ġew installati żewġ settijiet ġodda ta' iBins kif maqbul f'laqgħat preċedenti ta' dan il-Kunsill liema postijiet jinkludu Vjal Sir Paul Boffa u Triq ix-Xewk. Is-Sindku kkonferma li dawn ser ikollhom magħhom is-CCTV. Is-Sindku żied li issa l-lokalita tiġi konfermi mal-obbligi legali infurzati mill-ERA li jinvolvu l-obbligu li jkun hawn erba' siti għall-popolazzjoni tal-lokalita.

9.3. Is-Sindku qal li ser ikun qed jibda xogħol ta' preparamenti għall-attivitajiet tal-Milied bħal party tal-anzjani, dejjem skond il-miżuri tal-pandemija. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet kienux isiru parties tat-tfal u s-Sindku kkonferma li minflok parties tradizzjonali kienu isiru ħarġiet speċjali għat-tfal.

*Il-Kunsillier Camilleri talab li jkun skużat mil-laqgħa.*

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-kwistjoni tas-Suq kif ukoll dwar il-fanali li kienu qed jaħdmu fuqhom il-Public Works. Is-Sindku irrisponda li għandu laqgħa mad-Dipartiment tal-Kummerċ dwar is-Suq tul din il-ġimgħa kif ukoll li x-xogħol tal-fanali jinsab fl-aħħar fażi tagħhom.

10.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar il-bollards ta' Triq St. Ubaldeska. Is-Sindku kkonferma li dan kien tiġa diskuss fil-Kunsill u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġa jinforma dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-minuti li kienu għadhom kemm ġew approvati f'din il-laqgħa li jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa. Huwa żied biss li ma kien irċieva l-ebda risposta mingħand l-Awtorità tal-Artijiet dwar il-permess imsemmi fil-laqgħa preċedenti u ġie kkonfermat lilu li ser isiru l-investigazzjonijiet mill-istess Awtorità fid-dawl tal-mistoqsija Parlamentari li kienet tressqet b'rabta mas-suġġett.

10.3. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-iżviluppi fi ġnien il-Mediterran. Is-Sindku kkonferma li kienu saru żjarat mill-esponenti ta' Parks Malta li qed jagħmlu l-pjanijiet neċessarji għal-manutenzjoni u ż-żamma tal-ġnien.

## 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 29 għas-somma ta' €190,487.08. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-ammont kien ikbar mis-soltu fid-dawl li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart u knis bagħat bosta invoices f'daqqa.

## 12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021. Il-laqgħa reġgħet kienet skedata għall-4.30pm wara li kien hemm qbil unanimu sabiex ikun jista' isir dan fl-aħħar laqgħa.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku